Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,205, 8 ta' Marzu, 2024

Taqsima B

A.L. 59 tal-2024

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI (KAP. 217)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Il-Kondizzjonijiet għad-Dħul u s-Soġġorn ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Fini ta' Impjieg bħala Ħaddiema Staġjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet għad-Dħul u s-Soġġorn ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Fini ta' Impjieg bħala Ħaddiema Staġjonali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet għad-Dħul u s-Soġġorn ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Fini ta' Impjieg bħala Ħaddiema Staġjonali, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 217.20.

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (3) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali l-kelma "jistgħu" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "għandhom".